MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 390/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta` estera CGU plc ta' Perth, Scotland, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Galea skond il-Ligi u polza tal-assikurazzjoni N017112**

**vs**

**George Borg Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fl-20 ta' Frar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' hames mija u hamsa u disghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm595.16) rapprezentanti danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta` attrici minhabba ingress ta' ilma mill-proprjeta` tal-konvenut li instab fit-23 ta' Novembru, 2001 u ghal liema Danni l-assigurat gie kumpensat mis-socjeta` attrici.**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-17 ta' Marzu, 2003, fejn intqal :**

**i. Illi l-ingress ta' ilma li konsegwenza tieghu l-assikurat tas-socjeta` attrici allegatament garrab danni ma garax tort jew htija tas-socjeta` konvenuta ;**

**ii. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici noe. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, is-socjeta` eccipjenti qed tinsisti fuq il-prova tas-socjeta` attrici noe tad-danni pretizi minnha ;**

**iii. Ma hemmx lok ghall-kundanna tas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta' danni ;**

**iv. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi u bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Galea, Anna Galea, Kurt Caruana, Perit Denis Camilleri, Emmanuel Bugeja u Andre Cassar. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta` attrici qed titlob risarciment ta' Danni imhallsa lill-assigurat taghha minnhabba ingress ta' ilma mill-fond tas-socjeta` konvenuta. Il-fond tal-assikurat tas-socjeta` attrici huwa negozju fejn kien hemm drappijiet. Dana jidher li gara fit-23 ta' Novembru, 2001.**

**2. Jirrizulta minghajr ebda dubbju illi l-ilma kien dahal mill-fond tas-socjeta` konvenuta, carcar mal-hitan, u qattar mis-saqaf, u dana ghal gol-fond sottostanti tal-assikurat tas-socjeta` attrici. Dana jirrizulta mid-diversi xhieda prodotti, specjalment minn dak li xehdu Joseph Galea u martu Anna, kif ukoll minn dak li xehed s-surveyour tas-socjeta` attrici Kurt Caruana, Emmanuel Bugeja plasterer, u Andre Cassar TurnKey Contractor.**

**3. Ghalhekk il-vertenza f'dan il-kaz hija fl-ewwel lok jekk tassew kienx hemm negligenza da parti tas-**

**socjeta` konvenuta, jew jekk kien semplici accidentali dak li gara.**

**4. Fir-rigward it-Tribunal innota illi meta Anna Galea marret fil-fond tal-konvenuti ezatt wara li skoprew l-ilma fil-fond taghhom, dawn qalulha li kien inkiser pipe tal-flushing. Meta mar jaghmel s-survey Kurt Caruana, li sfortunatament ma marx dak in-nhar stess, gie muri l-“pipe” li inbidel pero` ma giex muri l-“pipe” li minnu hareg l-ilma peress li dan kien intrema.**

**5. Issa, ghalkemm jerga jigi sottolinjat li huwa minnu li s-surveyor ma marx immedjatament, is-socjeta` konvenuta zbaljat meta irmiet l-imsemmi “pipe”, bhal qiesha riedet tahbi l-evidenza ta’ dak li kkawza l-hsara, meta kienet taf ben tajjeb li kienet giet kawzata hsara lill-assigurat tas-socjeta` attrici.**

**6. Ghalhekk mill-fattispecie tal-kaz it-Tribunal qed jikkonkludi li necessarjament kien hemm xi haga hazina fil-“pipe” li intrema, li kien dan il-kawza ta’ l-allagament li kellhom l-assigurati tas-socjeta` attrici, u li konsegwentement is-socjeta` konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni li garrab l-assigurat minhabba ingress ta’ ilma.**

**7. Dwar id-danni li sofra l-assikurat, jirrizulta li dawn kienu jikkonsistu principalment f’danni fis-soffitt, f’point wiehed tal-elettriku, tibjid fejn carcar l-ilma, u hsara fil-merkanzija. Rilevanti dak li kkonstata l-istess Kurt Caruana fit-tieni survey tieghu Dok.KC2, maghmul fl-14 ta’ Mejju, 2002, fejn qal fost affarijiet ohra: “At a first glance at the shop I could quickly realize that the damage that had been caused by the water six months ago was not at all extensive.”**

**8. Jirrizulta li l-assigurat kien qed jippretendi somma ghola, u dana minhabba li ried jaghmel miljoramenti (upgrading) fil-fond, bhal miljorament fis-sistema ta’ l-elettriku. Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet ferm prudenti f’dan ir-rigward, tant illi qabbdet lil Andre Cassar, li hu Turn Key Contractor, sabiex jikkwantifika d-danni.**

**9. Fil-fatt, mit-tieni survey Dok.KC2, il-hsara kienet fl-ammont ta’ erba mija u ghoxrin lira (Lm420) ghas-saqaf, hamsa u tletin lira u sittax-il centezmu**

**(Lm35.16) ghall-merkanzija, u mija u hamsin lira (Lm150.00) ghas-sistema tal-elettriku. Dwar is-sistema ta' l-elettriku jidher li dan l-ammont hu esagerat, anke tenut kont tac-certifikat esebit mill-Perit Dennis Camilleri li jsitma d-danni fir-rigward bhala ammontanti ghall-disghin lira u mhux mija u hamsin lira. Ghalhekk b'kollox d-danni li garrab l-assikurat jammontaw ghall-hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm545.16) u li huma d-danni li qed jigu likwidati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-ingress tal-ilma fil-fond tal-assigurat, qed jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hames mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm545.16) bl-imghax legali dekorribbli mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------